

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9397/25

COSI 102
ENFOPOL 175
CRIMORG 95
ENFOCUSTOM 89
JAI 682

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9207/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżni tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ġunju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżni tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4102 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ġunju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar it-tisħiħ tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità
għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029

Kunsiderazzjonijiet Ġenerali

1. Iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (issa magħruf komunement bħala l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali – EMPACT) tnieda permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 u d-9 ta' Novembru 2010.¹ Il-kontinwazzjoni permanenti taċ-ċiklu tal-EMPACT ġiet approvata permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2021² u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2023.³
2. L-EMPACT hija qafas permanenti u konsolidat immexxi mill-Istati Membri li jispikka bħala l-inizjattiva qafas ewlenija tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. L-EMPACT topera f'ċikli ta' erba' snin. Kull ċiklu jibda bil-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA), li tenfasizza t-theddid l-aktar urġenti u sservi ta' kontribut għall-konklużjonijiet tal-Kunsill li jiddefinixxu l-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità. Huwa jkompli bl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs) biennali (sentejn), u jikkonkludi b'evalwazzjoni indipendenti.
3. L-EMPACT issegwi approċċ multidixxiplinari u integrat immexxi mill-intelligence (ibbażat fuq l-evidenza), li jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż il-pulizija, l-awtoritajiet doganali u dawk tat-taxxa, il-gwardji tal-fruntiera, l-awtoritajiet ġudizzjarji, awtoritajiet pubbliċi oħra u s-settur privat. Hija sservi ta' pont bejn il-livelli strateġiċi u operazzjonali u tinkludi l-firxa sħiħa ta' azzjonijiet (preventivi, repressivi, tisħiħ tal-kapaċitajiet eċċ.) biex jiġi indirizzat it-theddid prijoritarju tal-kriminalità.

¹ 15358/10

² 6481/21

³ 7100/23

I. It-tisħiħ tal-EMPACT

4. L-aħħar evalwazzjoni indipendenti⁴ tal-EMPACT ikkonkludiet li l-mekkaniżmu jagħti valur miżjud sostanzjali, irawwem kooperazzjoni transfruntiera, innovattiva u strutturata b'diversi aġenziji u b'diversi atturi, joffri pjattaforma unika li tiffaċilita l-konnessjonijiet u tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri. Hija kkonkludiet ukoll li sabiex jingħelbu kwistjonijiet persistenti (eż. il-finanzjament, l-impenn tal-atturi tal-EMPACT) u biex l-EMPACT tkun tista' tikseb u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħha jenħtieġ li l-EMPACT "timxi għal-livell li jmiss".
5. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni ta' ċiklu li jmiss tal-EMPACT (2026-2029), jeħtieġ li l-pjattaforma tkompli tibbaża fuq approċċ integrat għas-sigurtà interna tal-UE, li jinvolvi miżuri dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni, l-innovazzjoni, it-taħriġ, il-prevenzjoni u d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna, bl-involviment ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab internazzjonali oħrajn.
6. L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna⁵ tirrikonoxxi li ċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT (2026–2029) huwa opportunità biex dan il-qafas jissaħħaħ saħansitra aktar, jiġu ssimplifikati l-isforzi, jissaħħu l-impenni tal-Istati Membri u jiġi żgurat użu effettiv tar-riżorsi biex jiġu sfrattati n-networks kriminali u l-individwi l-aktar ta' theddida.
7. Jeħtieġ li l-EMPACT tiġi integrata mal-politiki u l-istrateġiji rilevanti u rikonoxxuta bħala l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni multidixxiplinari u bejn diversi aġenziji kontra t-theddid prijoritarju tal-kriminalità, bl-involviment tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri; dan għandu isir f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, u bl-involviment tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE kif ukoll is-sħab mhux involuti fl-infurzar tal-liġi, is-settur privat, is-sħubijiet pubbliċi-privati u partijiet terzi. Dan għandu jiżgura l-allinjament u jevita d-duplikazzjoni ma' għodod operazzjonali oħra.

⁴ 15238/24

⁵ 7750/25

8. Jeħtieġ li l-EMPACT tisfrutta t-teknoloġiji ġodda li jippermettu ġestjoni mtejbja tal-informazzjoni u jiffaċilitaw żviluppi ewlenin possibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja.
9. L-implimentazzjoni tal-EMPACT tiddependi fuq l-involvement attiv u l-impenn tal-partekipanti. Fil-livell nazzjonali, huwa rrakkomandat li l-koordinaturi nazzjonali tal-EMPACT (NECs) u l-mexxejja jingħataw ir-riżorsi adegwati biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom b'mod effettiv. Huwa importanti li l-kontribut tal-NECs u tal-mexxejja jiġi rikonoxxut.
10. In-nuqqas tar-riżorsi finanzjarji attwalment mogħtija lill-EMPACT huwa fattur serju li jillimita l-iżvilupp u l-espansjoni ulterjuri tagħha. Jeħtieġ li tinstab soluzzjoni dejjiema u finanzjarjament sostenibbli għall-finanzjament futur tal-EMPACT. Fid-dawl tat-tnedija taċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029, l-atturi kollha involuti fid-deċiżjonijiet baġitarji huma mistiedna jikkunsidraw, fejn xieraq, żieda fl-appoġġ finanzjarju allokat lill-EMPACT, inkluż fil-baġit tal-Europol. Fl-istess ħin, il-benefiċjarji huma mħeġġa biex, fejn possibbli, jagħmlu l-aħjar użu mis-sorsi kollha possibbli ta' finanzjament tal-UE.
11. L-istrutturi tal-EMPACT u l-atturi kollha involuti għandhom iżommu ċertu grad ta' flessibbiltà biex jindirizzaw riskji u theddid mhux previsti li ma setgħux jiġu identifikati permezz tal-ippjanar tal-OAP.
12. L-għarfien dwar l-EMPACT fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-prattikanti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jeħtieġ li jittejjeb biex b'hekk jikkontribwixxi għal allinjament aħjar tal-EMPACT mal-ippjanar nazzjonali.

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri:

13. Jintegraw l-azzjonijiet rilevanti żviluppati fi ħdan l-EMPACT fl-istrateġiji ta' sigurtà interna u l-ippjanar nazzjonali tagħhom u jallokaw riżorsi għall-appoġġ ta' approċċ komuni tal-UE.
14. Jappoġġaw il-passi kollha li jikkostitwixxu l-EMPACT, b'mod partikolari billi jassumu u jaqsmu bejniethom ir-rwoli strateġiċi ta' mexxej, ko-mexxej, mexxej ta' azzjoni u ko-mexxej ta' azzjoni.
15. Jipprovdu kapaċitajiet adegwati (f'termini ta' ħin u riżorsi umani) lill-NECs u lill-mexxejja biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv. Jaħtru, fejn rilevanti, mexxej full-time jew mexxej part-time appoġġat minn esperti oħra. Jikkunsidraw l-istabbiliment ta' timijiet nazzjonali ta' appoġġ tal-EMPACT (NEST) li jassistu lill-NECs.
16. Jiżguraw involviment u impenn attiv mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha meta jipparteċipaw f'azzjonijiet operazzjonali tal-EMPACT.
17. Jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli kollha u jiżguraw li l-finanzjament ikun f'waqtu u jkun disponibbli biex jippermetti li l-azzjonijiet operazzjonali jibdew fi stadju bikri.
18. Jiżviluppaw u jikkoordinaw miżuri biex isaħħu l-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u l-identità tal-EMPACT u tal-OAPs, f'konformità mal-istrateġija ta' komunikazzjoni kongunta⁶ tal-EMPACT, inkluż billi jippubblikaw u jippromwovu r-riżultati operazzjonali (eż. l-iskedi informativi) fuq bażi regolari.
19. Jiżguraw li l-esperti nazzjonali dwar il-komunikazzjoni tal-EMPACT ikunu parti min-NEST, jew f'kuntatt mill-qrib mal-NEC, fejn stabbilit, u mal-atturi ewlenin l-oħra tal-EMPACT (l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE). Il-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' komunikazzjoni tal-EMPACT għandhom ikunu involuti b'mod attiv fl-attivitajiet tan-network u fil-laqgħat ta' dawk responsabbli għall-komunikazzjoni tal-EMPACT.

⁶ 13112/2/21 REV 2

20. Jiżguraw, meta jkunu responsabbli min-networks u l-gruppi ta' esperti tal-UE – speċjalment dawk affiljati mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (LEWP) - Pulizija u Dwana – li fil-programmi ta' ħidma tagħhom dawn jintrabtu li jipparteċipaw b'mod attiv fl-istrumenti tal-EMPACT u l-implimentazzjoni tal-OAPs, jappoġġawhom u jsaħħuom, anki billi jieħdu rwol ta' tmexxija f'azzjonijiet speċifiċi.
21. Jinkludu oqsma ta' prijorità tal-EMPACT fil-kurrikuli ta' taħriġ nazzjonali għall-awtoritajiet kompetenti u jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' taħriġ fil-qafas tal-EMPACT offruti mis-CEPOL, jorganizzaw sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u partijiet ikkonċernati oħrajn involuti fl-implimentazzjoni tal-EMPACT.

Il-Kunsill jistieden lill-COSI:

22. Isegwi kontinwament il-funzjonament tal-EMPACT u l-allinjament tagħha mal-ħtiġijiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u l-kooperazzjoni operazzjonali, jipprovdi viżjoni strateġika għall-evoluzzjoni tagħha u jfittex l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi allokatati għall-pjattaforma.
23. Jabbozza konklużjonijiet u dokumenti tal-Kunsill (eż. termini ta' referenza, gwida strateġika dwar l-ippjanar tal-jiem ta' azzjoni konġunta) relatati mal-EMPACT.
24. Jikkollabora, fejn rilevanti, mal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill, mal-Aġenziji tal-ĠAI, mal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, biex jallinjaw l-attivitajiet rilevanti tagħhom mal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità. Il-presidenzi li jmiss huma mistiedna jieħdu kont ta' dan meta jħejju l-programmi tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni:

25. Tipproponi, bħala kwistjoni ta' prijorità, allokazżjoni akbar għall-EMPACT fl-abbozz ta' baġit annwali tal-Unjoni (kemm taħt il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Europol kif ukoll taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna) u tiddiskuti mal-Istati Membri għażliet għal soluzzjoni dejjiema u finanzjarjament sostenibbli għall-futur tal-EMPACT.
26. Iżżid l-għarfien dwar possibbiltajiet ta' finanzjament alternattivi u komplementari mill-baġit tal-UE (eż. it-tnejn tal-pakkett ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament).
27. Tintegra u tartikola l-attivitajiet tal-EMPACT mal-politiki u l-istrateġiji rilevanti oħrajn tal-UE marbuta mas-sigurtà u l-programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet.
28. Tistieden lin-networks u l-gruppi ta' esperti rilevanti tal-UE, iffinanzjati mill-Kummissjoni, biex fil-programmi ta' ħidma tagħhom jintrabtu li jipparteċipaw (inkluż bħala mexxej jew ko-mexxej ta' azzjonijiet speċifiċi) fl-EMPACT u l-implimentazzjoni tal-OAPs tagħha, jappoġġawhom u jsaħħuom.
29. Tinkariga lis-servizzi tagħha biex iwettqu, lejn it-tmiem ta' kull ċiklu – b'kont meħud tal-esperjenza u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE – evalwazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tal-EMPACT u tippreżenta r-riżultati tagħha lill-Kunsill.

Il-Kunsill jappella lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni:

30. Jintegraw, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, konsiderazzjonijiet ta' sigurtà fl-azzjoni esterna tal-UE. B'mod partikolari, jipromwov l-għarfien dwar l-EMPACT fid-djalogi dwar is-sigurtà, is-sħubijiet strateġiċi, il-ftehimiet u oqfsa oħra ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Fejn rilevanti, jistiednu lil pajjiżi terzi u missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK jipparteċipaw f'azzjonijiet tal-EMPACT, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-mexxejja.
31. Jiffaċilitaw, inkluż permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, l-esperti tal-UE dwar is-sigurtà u l-uffiċjali ta' kollegament Ewropej għall-migrazzjoni, il-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT, fejn xieraq skont it-theddid u l-ħtiġijiet identifikati.

Il-Kunsill jappella lill-Aġenziji tal-ĠAI:

32. Fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom jintrabtu li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EMPACT u jipprovduhom appoġġ – inkluż dak finanzjarju.
33. Jipprovdu, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, appoġġ operazzjonali u analitiku kontinwu għal azzjonijiet operazzjonali u jiem ta' azzjoni konġunta, inkluż l-ipproċessar ta' data personali relatata mal-kriminalità, kif ukoll appoġġ speċifiku għar-rapportar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-OAPs u appoġġ għat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni.
34. Jassumu, fejn rilevanti, ir-rwol ta' ko-mexxejja u mexxejja tal-azzjoni, ko-mexxejja tal-azzjoni, koordinaturi tal-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni u koordinaturi tal-jiem ta' azzjoni konġunta.

Il-Kunsill jappella lill-Europol:

35. Tkompli tappoġġa l-EMPACT, bħala kwistjoni ta' prijorità, u tikkunsidra li żżid l-allokazzjoni għall-EMPACT fi ħdan il-baġit tal-Europol.
36. Tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, rapport interim dwar theddid ġdid, li qed jinbidel jew li qed jitfaċċa, filwaqt li tqis il-prijoritajiet maqbula tal-EMPACT b'rabta mal-kriminalità.
37. Tipproduċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-EU SOCTA u l-analiżi u l-immappjar aġġornati tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida, filwaqt li tipprovdi stampa sħiħa u dettaljata tat-theddid kriminali li jolqot l-UE.
38. Tippermetti integrazzjoni u użu aħjar tat-task forces operazzjonali (OTFs) fi ħdan l-EMPACT billi tipprovdi lill-mexxejja informazzjoni strateġika addizzjonali dwar l-OTFs, b'mod partikolari data mhux personali bħal oqsma ta' kriminalità rilevanti, xejriet u modi operandi.

II. Il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029

39. F'konformità mal-metodoloġija tal-EMPACT u abbażi tal-EU SOCTA 2025, il-Kunsill għandu jidentifika l-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.
40. L-EU SOCTA⁷ 2025 tenfasizza seba' theddidiet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029.
41. L-EU SOCTA 2025 turi kif il-kriminalità serja u organizzata qed tikkawża b'mod progressiv id-destabbilizzazzjoni (billi tiġġenera rikavati illeċiti u tkattar il-vjolenza u l-korruzzjoni), qed issejtni dejjem aktar online (networks kriminali li jisfruttaw infrastrutturi diġitali u online) u hija aċċellerata bil-kbir mill-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda oħra (eż. blockchain jew computing kwantistiku). Għalhekk għandha ssir enfasi speċjali fuq l-indirizzar ta' dawn l-iżviluppi meta jiġi żviluppat il-Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali (G-MASP) u l-OAPs fil-prijoritajiet differenti b'rabta mal-kriminalità.
42. Abbażi tal-EU SOCTA 2025 u fid-dawl ta' dokumenti strateġiċi, valutazzjonijiet u politiki oħrajn, il-Presidenza u s-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea abbozzaw dokument konsultattiv dwar il-politika (PAD)⁸ li għe diskuss mal-Istati Membri.
43. L-esperjenzi miksuba mill-OAPs rilevanti fiċ-ċiklu attwali tal-EMPACT tal-2022-2025 għandhom jitqiesu kif xieraq għall-implimentazzjoni tal-OAPs.

⁷ 7280/25

⁸ 8388/25

44. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Kunsill iqis li l-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

1) IN-NETWORKS KRIMINALI U L-INDIVIDWI L-AKTAR TA' THEDDIDA

L-għan ta' din il-prijorità huwa li jiġu identifikati u sfrattati n-networks kriminali l-aktar ta' theddida attivi fl-UE, l-individwi bi rwoli ewlenin f'dawn in-networks u l-individwi li jaġixxu waħedhom u li jwettqu reati serji bħala servizz. Għandha ssir enfasi speċjali fuq in-networks kriminali u l-individwi li jheddu l-istat tad-dritt billi jużaw il-korruzzjoni u sistemi finanzjarji paralleli u jabbużaw minn strutturi kummerċjali legali biex jaħslu l-flus, u billi jisfruttaw rekluti żgħażaġh u jużaw il-vjolenza biex ikomplu l-għanijiet kriminali tagħhom. Għandhom isiru wkoll sforzi għall-irkupru tal-assi biex b'mod effettiv jiġu ssekwestrati u kkonfiskati l-profitti kriminali u jiġi sfrattat il-finanzjament ta' attivitajiet kriminali ulterjuri.

Il-prijorità li jiġu indirizzati n-networks kriminali u l-individwi l-aktar ta' theddida għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed maħsub biex ikun ġenerali/orizzontali/trasversali.

Filwaqt li OAPs oħra li jiffukaw fuq il-komoditajiet xorta jindirizzaw in-networks kriminali u l-individwi involuti fil-qasam tal-kriminalità relatata (eż. it-traffikar tad-drogi), dan l-OAP ġenerali speċifiku jista' jikkontribwixxi għall-ġbir ta' intelligence dwar networks u individwi, jikkontribwixxi għall-immappjar u n-notifiki ta' intelligence tal-Europol, u jittratta dawk li ma jiġux indirizzati minn OAPs li jiffukaw fuq il-komodità. Pereżempju, peress li l-ħasil tal-flus huwa fenomenu kriminali distint li huwa kruċjali għan-networks kriminali, dan l-OAP speċifiku għandu jkun fih azzjonijiet operazzjonali (OAs) għan-networks kriminali u individwi involuti fil-ħasil tal-flus jew li jipprovdu bħala servizz biex titrawwem il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi. Barra minn hekk, dan l-OAP jista' jkun fih ukoll OAs għal gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata involuti fil-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà (OPC) fuq skala kbira madwar l-Ewropa, u għan-networks li jikkollmu bir-Russu (eż. "ħallelin tar-rispett"). Barra minn hekk, dan l-OAP jista' jipprovdi qafas rilevanti biex jiġi eżaminat kif in-networks tal-kriminalità organizzata jinteraġixxu ma' atturi illeċiti esterni u biex jiġi analizzat ir-rwol li dawn in-networks jista' jkollhom f'dinamika usa' tas-sigurtà fl-UE u lil hinn minnha.

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll distribuzzjoni speċifika tal-kompiti bejn il-"mexxej" u l-"ko-mexxej(ja)" ta' dan l-OAP "ġenerali". Pereżempju, filwaqt li l-"Mexxej" iwettaq ir-responsabbiltajiet ta' koordinazzjoni u ġestjoni tiegħu, "ko-Mexxej" minnhom jista' jingħata l-kompitu li jsegwi mill-qrib l-"immappjar tan-networks kriminali", "ko-Mexxej" ieħor jista' jingħata l-kompitu li jsegwi l-aspetti tal-"għieda kontra l-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi (iffriżar u konfiska)" (eċċ.).

2) IR-REATI LI QED JIKBRU BL-AKTAR RATA MGĦAĠĠLA FL-ISFERA ONLINE

Il-prijorità li jiġu indirizzati r-reati li qed jikbru bl-aktar rata mgħaġġla fl-isfera online tikkonsisti fi tliet sottoprijoritajiet u għandhom jiġu indirizzati permezz ta' tliet OAPs.

2.1. Attakki ċibernetiċi

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jitpoġġew fil-mira t-trasgressuri kriminali li jorganizzaw attakki ċibernetiċi li fil-mira tagħhom ikollhom infrastruttura kritika, gvernijiet, negozji u ċittadini privati.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

2.2. L-isfruttament sesswali tat-tfal online

L-għan ta' din is-sottoprijorità/OAP huwa *li jiġi miġġieled l-isfruttament sesswali tat-tfal li qed jitrawwem online, inkluż il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal (CSAM) u s-solleċitazzjoni tat-tfal.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

2.3. Skemi ta' frodi online

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jitpoġġew fil-mira n-networks kriminali u l-individwi li jorganizzaw skemi ta' frodi online fuq skala kbira bil-għan li jiffrodaw lil individwi privati, negozji u organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku, b'mod partikolari dawk li jiġġeneraw dħul ta' diversi miljuni ta' euro fis-sena u li jużaw pjattaformi online biex jestendu l-firxa tal-iskemi qarrieqa tagħhom biex jolqtu għadd kbir ta' vittmi.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

3) IT-TRAFFIKAR TA' DROGA

Il-prijorità tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga tikkonsisti f'żewġ sottoprijoritajiet u għandha tiġi indirizzata permezz ta' żewġ OAPs.

3.1. Il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu identifikati u jitpoġġew fil-mira n-networks kriminali u individwi involuti (1) fit-traffikar bl-ingrossa tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina lejn l-UE, u/jew (2) fil-kultivazzjoni tal-kannabis u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina u l-eroina u prekursori relatati fl-UE.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

3.2. Il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu identifikati u jitpoġġew fil-mira n-networks kriminali u l-individwi involuti fil-produzzjoni u l-provvista globali ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda u (pre-)prekursori fl-UE, lejn u mit-territorju tagħha.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

4) IL-FAĊILITAZZJONI TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI U T-TRAFFIKAR TA' BNEDMIN

Il-prijorità tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, it-traffikar u l-isfruttament ta' migranti tikkonsisti f'żewġ sottoprijoritajiet u jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' żewġ OAPs.

4.1. Faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu miġġielda n-networks kriminali u l-individwi involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, b'mod partikolari dawk li jipprovdu servizzi komprensivi ta' faċilitazzjoni lill-migranti irregolari tul ir-rotot migratorji ewlenin li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE u dawk involuti fil-faċilitazzjoni ta' movimenti sekondarji u l-legalizzazzjoni tal-istatus ta' residenza fl-UE, b'enfasi fuq dawk li l-metodi tagħhom iqiegħdu l-ħajjiet tan-nies fil-periklu. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċifika għall-frodi tad-dokumenti u tal-identità, u l-użu ta' dokumenti miksuba b'mod frodulenti.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

4.2. Traffikar ta' bnedmin

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu sfrattati n-networks kriminali u l-individwi involuti fit-traffikar tal-bnedmin għall-forom kollha ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament ta' ħaddiema u dak sesswali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal każijiet ta' sfruttament ta' minorenni, inkluż, għal kriminalità furzata, każijiet ta' użu jew theddid ta' vjolenza kontra vittmi u l-familji tagħhom, każijiet ta' qerq tal-vittmi permezz tas-simulazzjoni tal-uffiċjalizzazzjoni tal-isfruttament, każijiet ta' reklutaġġ, reklamar jew sfruttament ta' vittmi online, każijiet ta' intermedjarji li jipprovdu servizzi diġitali.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

5) IL-KRIMINALITÀ BL-ARMİ TAN-NAR U L-ISPLUSSIVI

L-għan ta' din il-prijorità huwa li jitpoġġew *fil-mira n-networks kriminali u individwi involuti fl-użu ħażin, il-manifattura illeċita, it-traffikar, il-pussess u l-modifika tal-immarkar ta' armi tan-nar u armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) oħra. Dan huwa applikabbli wkoll għal attivitajiet illeċiti korrispondenti relatati ma' splussivi u prodotti pirotekniċi.*

Din il-prijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

6) IR-REATI AMBJENTALI

L-għan ta' din il-prijorità huwa li jiġu *sfrattati n-networks kriminali u l-individwi involuti fil-forom kollha ta' reati kriminali ambjentali, b'enfasi speċifika fuq dawk involuti fil-kriminalità marbuta mal-iskart, li toħloq theddida kritika billi tikkawża effetti devastanti fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-ekonomiji, kif ukoll enfasi fuq dawk b'kapaċità li jinfiltraw strutturi kummerċjali legali jew li jistabbilixxu l-kumpaniji tagħhom jew strutturi organizzattivi simili bħala mezz biex jiffaċilitaw attivitajiet illegali.*

Din il-prijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

7) IL-KRIMINALITÀ EKONOMIKA U DIK FINANZJARJA

Il-prijorità tal-ġlieda kontra l-frodi kontra l-interess tal-UE u l-Istati Membri tagħha tikkonsisti fi tliet sottoprijoritajiet u għandhom jiġu indirizzati permezz ta' tliet OAPs.

7.1 Frodi tal-VAT (inkluż MTIC)

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu sfrattati n-networks kriminali u l-imprendituri kriminali individwali involuti fi frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq skala kbira u kumplessa, b'mod partikolari fi frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes (MTIC).*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

7.2 Il-frodi tas-sisa u dik doganali

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jitpoġġew fil-mira n-networks kriminali u l-individwi involuti fil-frodi tas-sisa fuq skala kbira, b'enfasi partikolari fuq il-produzzjoni u/jew it-traffikar ta' prodotti illeċiti tat-tabakk fl-UE, u fi frodi doganali (inkluż l-evażjoni tas-sanzjonijiet) li tirriżulta f'telf finanzjarju sinifikanti għall-UE u telf sostanzjali ta' dħul mit-taxxa għal ħafna Stati Membri kif ukoll thedded is-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.

7.3 Il-kriminalità b'rabta mal-proprietà intellettuali (IP), il-falsifikazzjoni ta' oġġetti u muniti

L-għan ta' din is-sottoprijorità huwa *li jiġu miġġielda u sfrattati n-networks kriminali u l-intraprendituri kriminali individwali involuti fil-kriminalità b'rabta mal-proprietà intellettuali u fil-produzzjoni, il-bejgħ jew id-distribuzzjoni (fiżika u online) ta' oġġetti jew muniti ffalsifikati, b'fokus speċifiku fuq oġġetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, lill-ambjent u lill-ekonomija tal-UE.*

Din is-sottoprijorità għandha tiġi indirizzata permezz ta' OAP wieħed.